**MINUTI**

**KUNSILL LOKALI SWIEQI**

**IS-SITT KUNSILL 2012 - 2015**

**SEDUTA NUMRU 53**

**IT-TNEJN 16 TA' FRAR 2015 FIL-5PM FL-UFFIĊĊJU AMINISTRATTIV TAL-KUNSILL**

**PREŻENTI:**

**Is-Sinjuri:**

| | |
|---|---|
| NOEL MUSCAT | SINDKU |
| JUSTIN FENECH | VICI – SINDKU |
| MARIO FAVA | KUNSILLIER |
| MARY ANNE ABELA | KUNSILLIER |
| ALFRED CURMI | KUNSILLIER |
| PAUL FENECH | KUNSILLIER |

Il-Kunsillieri R. Rossignaud, C.Said u A. Chetcuti kienu skuzati minhabba ragunijiet ta' xoghol u mard rispettivament.

Ghal din il-laqgha kien prezenti wkoll l-Accountant tal-Kunsill.

**Is-Sindku qal it-talba.**

## I APPROVAZZJONI TAL-MINUTI

Il-Minuti tas-Seduti Nru. 51 u 52 gew appprovati minn dawk prezenti. Il-Kunsillier P. Fenech ipporpona u s-Sindku ssekonda.

## II APPROVAZZJONI TAR-RAPPORT FINANZJARJU GHAS-SENA 2014 & TAR-RABA QUARTERLY REPORT 2014

Is-Segretarju Ezekuttiv nforma li r-rapporti ghas-sena finanzjarja precidenti gew mghoddija lill-Kunsillieri kollha permezz ta' email.

Is-Sindku ppropona li din il-laqgha tigi sospiza sabiex l-Accountant jkun jista' jfiehem ahjar dawn ir-rapporti. Il-Kunsillier P. Fenech issekonda. Il-hin kien il-5.15pm.

L-Accountant tal-Kunsill spjega b'mod car u ddetaljat il-figuri u l-mizuri li ttiehdu sabiex gew ppreparati dawn ir-rapporti. Huwa spjega wkoll kull dhul u infiq li hemm indikati fl-istess rapporti kif ukoll huwa nforma li l-Kunsill irrid joqghdo attent fl-infiq ghas-sena 2015 minhabba li l-bilanc pozitiv mhux daqstant faveroli.

Il-laqgha regghet bdiet fis-5.45pm.

Il-Kunsillier M. Fava staqsa sabiex jigi preparat Financial Forecast ghall-ewwel tlett xhur ta' din is-sena (Jannar sa Mrazu 2015). L- Accountant tal-Kunsill ha l-imkarigu sabiex jipprezenta dan ir-rapport.

Il-Kunsillier P. Fenech ghall-darb ohra rega' staqsa dwar meta se jithallas il-kont dovut lill-Perit Camilleri wara li l-Kunsill tilef il-kawza (Circa €45,000.00). Is-Sindku nforma li hu qed jaghmel l-ahhar tentattivi dwar il-possibilta' li dan il-kont jitnaqqas. Is- Sindku se jipprovdi aktar informazzjoni fis-Seduti li jmiss.

Wara li saru xi kjarfikazzjoni skond l-email tal-Kunsillier A. Curmi ( li se jkun aness ma' dawn il-Minuti bhala App. A), dawn iz-zewg rapporti finanzjajri gew approvati minn dawk prezenti. Is- Sindku ppropona u l-Kunsillier P. Fenech issekonda.

**HUGH ZAMMIT** — **NOEL MUSCAT**
**SEGRETARJU EŻEKUTTIV** — **SINDKU**

## III APPROVAZZJONI TA' XIRI U HLASIJIET OHRA

Giet pprezentata l-iskeda tal pagamenti nru. 84, u wara li saru xi aggustamenti hekk kif mitlub fl-email tal-Kunsillier A. Curmi (mehmuz bhala App. B), il-pagamenti kollha gew approvati minn dawk prezenti. Il-Kunsillier M. Abela pproponiet u l-Kunsillier P. Fenech issekonda

Il-Kunsillier P. Fenech talab sabiex jigi skuzat. Il-hin kien 6.00pm.

## IV KOMMUNIKAZZJONI MIS-SEGRETARJU EZEKUTTIV

1. Is-Segretarju Ezekuttiv nforma li l-Kunsill ircieva kommunikazzjoni minn perit privat ghan-nom ta' Aquilina Borthers (li se jifthu Cafeteria fi Triq l-Ibrag) fejn dawn qed jistaqsu ghall-approvazzjoni tal-Kunsill sabiex jkun jistghu jirrnagaw il-pavimentar fl-istess triq. Wara diskuzzjoni, gie deciz li l-Kunsill ma jsib l-ebda ogezzjoni biex issiru dawn ix-xoghlijiet diment li dawn jkunu koperti bil-permessi kollha mehtiega mill-Awtoritajiet ikkoncernati.

2. Huwa nforma wkoll li l-Kunsill ircieva l-*Maintenance Agreement* tal-lift li hemm fill-gnien tal-Kunsill li jistghu jaghmlu uzu minnu persuni li juzaw wheelchair jew xi puschchairs. Il-Kunsill gie nfurmat li l-ispiza hija ta' €250.00 fis-sena. Wara diskuzzjoni, kien hemm qbil unanimu ma' dan l-*agreement*.

Il-Kunsillier M. Abela talbet sabiex tigi skuzata. Il-hin kien 6.15pm.

3. Rigward it-transferiment tal-panelli solar mill-bini l-antik ghall-bini l-gdid tal-Kunsill, is-Segretarju Ezekuttiv nforma li saret l-applikazzjoni u ntbaghtet lill-MRRA ghall-approvazzjoni taghhom. Wara diskuzzjoni, gie deciz sabiex tintalab stima lill-kuntrattur ikkoncernat ta' kemm tista' tigi tiswa l-istruttura tal-hadid u l-installazjoni li fuqha se joqoghdu dawn il-panelli. Is-Segretarju Ezekuttiv ha l-inkairgu li jistaqsi ghal din l-istima. Il-Kunsill gie nfurmat ukoll li dan l-apparat se jinqala mill-Kunsill l-antik u jinzamm bla hlas ghall-3 xhur fil-bini kumpanija Bajada New Energy.

Minhabba li kien hemm nuqqas ta' qourom, din il-laqgha spiccat fis-7.30pm u sar aggornament ghal nhar il-Hamis 26 ta' Frar 2015 fil-5pm.

**HUGH ZAMMIT**
**SEGRETARJU EŻEKUTTIV**

**NOEL MUSCAT**
**SINDKU**